MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2003

Numru 189/2001

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michelina Apap**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mikelina Apap talli (**1**) fil-15 ta' Awissu, 1996, ghall-habta ta' xi 12.00 pm f'Ghajnsielem, Ghawdex, heddet bil-kliem lil Maria Debono ta' 85 sena, minn Ghajnsielem, u aktar (**2**) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sawwtet lill-istess Maria Debono u b'hekk ikkagunatilha feriti ta' natura hafifa, skond ma ccertifika Dott. Ian Galea MD tal-Isptar Generali ta' Ghawdex;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-7 ta' Jannar, 1998 li permezz taghha dik il-qorti kienet sabet lill-imsemmija Michelina Apap hatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha, ikkundannatha multa ta' hamsin lira

(Lm50), u obbligatha li ma timmolestax jew xort'ohra ddejjaq lil Maria Debono taht penali ta' mitt lira (Lm100) fin-nuqqas ghal zmien sena, u dan skond l-Artikolu 383 tal-Kap. 9;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Gunju, 1998 li permezz taghha giet annullata, fuq punt procedurali, s-sentenza ta' l-ewwel qorti, u l-atti gew mibghuta lura lill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-qorti, wara li tisma' l-provi mill-gdid, tiddeciedi fuq l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mikelina Apap skond il-ligi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-27 ta' Settembru, 2001 (sedenti Magistrat differenti minn dak li kien ta s-sentenza tas-7 ta' Jannar, 1998) li permezz taghha dik il-qorti sabet lil Michelina Apap hatja skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghha, ikkundannatha multa ta' tletin lira (Lm30) u obbligatha li ma timmolestax jew xort'ohra ddejjaq lil Maria Debono taht penali ta' mitt lira (Lm100) fin-nuqqas ghal zmien sena, u dan b'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Michelina Apap, minnha ppresentat fil-15 ta' Ottubru, 2001 li permezz tieghu talbet (**1**) li din il-Qorti tordna u tawtorizza "l-konfront tax-xhieda bejn Mario Cachia u Marylin Vella li kien gie mitlub mill-esponenti quddiem l-Ewwel Qorti permezz ta' rikors tat-18 ta' Ottubru, 1999, debitament *(sic!)* michud b'digriet tal-14 ta' Dicembru, 1999 wara li tirrevoka l-istess digriet", kif ukoll (**2**) talbet ir-revoka tas-sentenza tas-27 ta' Settembru, 2001 aktar 'l fuq imsemmija;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Jigi precisat qabel xejn li ghalkemm il-partijiet, fl-udjenza tal-31 ta' Mejju, 2002, qablu li jsir konfront bejn Mario Cachia u Marylin Vella, dana l-konfront baqa' ma sarx peress li ghall-udjenza tat-28 ta' Marzu, 2003 Mario Cachia baqa' ma giex notifikat. Mir-riferta ezibita jirrizulta li l-Pulizija marru diversi drabi biex jipprovaw jinnotifikaw lil

dan Cachia, izda dejjem kellhom ezitu negattiv. Ghalhekk din il-Qorti, fl-udjenza tat-28 ta' Marzu, 2003 ordnat li ssir it-trattazzjoni biex il-kawza tkun tista' tibqa' ghas-sentenza, u fil-fatt id-difensuri tal-partijiet hekk ghamlu. F'dan is-sens, ghalhekk, l-ewwel talba ta' l-appellanti giet sorvolata.

L-aggravju ta' l-appellanti fil-meritu hu, bazikament, li l-ewwel qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi li kellha quddiemha. Hi tikkontendi li ma kienx hemm provi li a bazi taghhom l-ewwel qorti setghet issibha hatja kif effettivament sabitha, u tenfasizza dak li hi tqis bhala kontradizzjonijiet fil-provi mressqa mill-prosekuzzjoni.

Din il-Qorti kemm-il darba spjegat li hija, bhala qorti ta' revizjoni, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti jekk tkun tal-fehma li dik il-qorti setghet, a bazi tal-provi li kellha quddiemha, legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha. Huwa biss meta din il-Qorti tkun sodisfatta li l-ewwel qorti ma setghetx legalment jew ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghalija li hija tintervjeni, ghax huwa biss f'dan il-kaz li wiehed jista' verament jghid li ma tkunx saret gustizzja skond il-ligi. Wiehed ghandu jzomm f'mohhu li, bhal fil-kaz in dizamina, l-ewwel qorti tkun semghet ix-xhieda – specjalment ix-xhieda principali, f'dan il-kaz Maria Debono u l-appellanti, allura imputata – jiddeponu *viva voce* u ghalhekk tkun f'posizzjoni ferm ahjar minn din il-Qorti (li kullma ghandha huma d-deposizzjonijiet traskritti) biex tapprezza min qed jghid il-verita`, u x'ghandha taccetta jew ma taccettax mid-deposizzjoni ta' kull xhud a bazi tal-kriterji indikati fl-Artikoli 633(1), 637, 638 u 639[1] tal-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ezaminat bl-akbar reqqa l-provi <u>kollha</u> mressqa quddiem l-ewwel qorti u hi tal-ferma konvinzjoni – bhalma certament kienet l-ewwel qorti – li l-appellanti verament aggrediet lix-xewjha Maria Debono (li tigi zijitha) fid-data u fil-hin indikati fl-imputazzjoni, u li anke hedditha. Din il-Qorti ma tara ebda raguni ghala m'ghadhiex temmen lil

[1] Fil-kaz in dizamina, l-Artikolu 639 ma japplikax.

Maria Debono meta din iddeskriviet kif giet aggredita mill-appellanti (u ftit wara anke mir-ragel tal-appellanti), billi defsitilha rasha fil-platt tal-brodu, hedditha li toqtolha, ghamlithilha imhadda ma' wicca u ghafsitilha dahrha mas-siggu li l-istess Debono kienet fuqu, u dan kollu apparentement minhabba li l-appellanti hassitha urtata ghax Debono kienet qalet lill-Arcipriet biex isarrfilha c-cekkijiet tal-pensjoni minflok ma halliet lill-appellanti ssarrafhom kif kienet taghmel qabel. Il-versjoni ta' Debono hija korroborata f'diversi cirkostanzi minn dik ta' Marylin Vella u ta' Mario Cachia, anke jekk id-deposizzjoni ta' dawn it-tnejn fuq aspetti ohra ma taqbilx bejniethom (jigifieri bejn dak li tghid Vella u dak li jghid Cachia). Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, kieku Maria Debono ma hassithiex verament mhedda ma kienitx tiehu r-riskju li titla' fuq il-bejt u minn hemm taqbez jew tixxabbat ghal got-triq b'riskju kbir ghaliha. Fid-deposizzjoni taghha (ara fol. 124 u 126) l-appellanti tipprova timminimizza l-incident billi tiddeskrivi semplicement skambju ta' ftit kliem bejna u bejn Debono (li hija tiddeskriviha bhala li kienet "irrabjata", "sbruffata"), u li wara dan l-iskambju marret kwieta kwieta d-dar biex tiekol daqs li kieku ma' kien gara xejn. Ta min josserva, pero`, li meta xehed P.S. 346 John Saliba (fol. 94), huwa qal hekk dwar dak li kienet qaltlu l-appellanti *a tempo vergine*

**"Imbghad kellimt lil Apap, li kienet toqghod ma zijitha, Maria Debono, u din qalet li kien inqala' argument familjari bejniethom, fir-residenza ta' Debono stess. F'dan l-argument Debono insulentat lil Apap u bdiet taghti b'idejha fuq wiccha u fuq ghonqha; u ppruvat tohrog 'il barra biex tghajjar lil Debono, izda Apap ghalqet il-bieb ta' barra, u Debono marret bil-qeghda fuq it-tarag; u Apap marret ghand ommha u ma tafx x'gara wara."** (fol. 95).

Altru, mela, milli ma nqala' xejn notevoli kif ippruvat taghti x'jifhem l-appellanti fid-deposizzjoni taghha. U kif ma tafx x'gara wara, meta fid-deposizzjoni taghha tghid li waqt li kienet ghand ommha gie missierha (cioe` missier l-appellanti) u qalilha li Debono kienet fuq il-bejt qed tagixxi

b'mod mhux normali, u wara rat lil Debono miexja fit-triq sejra fid-dar ta' Tereza Vella? Il-versjoni ta' l-appellanti u tax-xhieda minnha prodotti m'ghandhiex mis-sewwa. Il-Qorti tosserva wkoll li l-appellanti ipprovat anke tgiddeb lill-Arcipriet ta' Ghajnsielem dwar l-argument li hija kellha mieghu proprju minhabba l-affari tac-cekkijiet ta' zijitha.

Dak li ma jirrizultax sodisfacentement pruvat huwa li l-offizi ta' natura hafifa li gew riskontrati fuq il-persuna ta' Debono kienu kkagunati mill-hebb u l-aggressjoni tal-appellanti. Dan qed jinghad mhux biss ghax dawn l-offizi fuq certi partijiet tal-gisem ta' Debono huma aktar kompatibbli mal-waqa' jew qabza ta' Debono minn fuq il-bejt ghat-triq, izda wkoll ghax l-istess Debono tghid – ara d-deposizzjoni taghha a fol. 57 in partikolari – li qabel ma taha daqtejn go wiccha ir-ragel ta' l-appellanti, hija (Debono) ma kellha xejn f'wiccha, anqas barxa. L-ewwel qorti, ghalhekk, ma setghetx ragjonevolment tikkonkludi li l-grif taht l-ghajn fuq il-wicc ta' Debono kien ikkawzat mill-appellanti. Din il-Qorti sejra, ghalhekk, tillibera lill-appellanti mit-tieni imputazzjoni, izda minflok ser issibha hatja tar-reat kontravvenzjonali (li hu kompriz fl-imputazzjoni kif prospettata) ta' hebb skond l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali.

Ghall-motivi premessi tirriforma s-sentenza appellata billi (a) thassraha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti hatja skond it-tieni imputazzjoni u miflok issibha hatja biss tar-reat kontravvenzjonali ta' hebb skond l-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Krminali; (b) thassarha u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannatha multa (evidentement multa komplessiva) ta' tletin lira, u minflok tikkundanna lill-appellanti ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira (Lm25) fuq l-ewwel imputazzjoni (konvertibbli f'hamest ijiem detenzjoni f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi) u hamsa w ghoxrin lira (Lm25) ammenda kwantu ghas-sejbin ta' htija fuq ir-reat kompriz fit-tieni imputazzjoni, cioe` r-reat ta' hebb (ukoll konvertibbli f'hamest ijiem detenzjoni ohra f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi); u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija. U peress li mill-atti ma jirrizultax li l-appellanti, wara li nghatat is-sentenza appellata, obbligat ruhha bil-miktub kif jirrikjedi l-

Artikolu 386 tal-Kodici Kriminali ghall-fini tal-precett skond l-Artikolu 383 ta’ l-istess Kodici, il-Qorti tordna li l-garanzija ssir bil-forma infraskritta fl-atti ta’ dan l-appell.

--------------------------------TMIEM--------------------------------